MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Numru. 637/2006

PULIZIJA
SPETTUR THERESE SCIBERRAS
VS
IAN JOSEPH MIFSUD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Ian Joseph Mifsud ta' 26 sena, imwieled 21 ta' Dicembru 1979, Australia, iben Joseph u Dolores nee' Muscat u residenti f'no. 38 St. Rita Quarry Street Mosta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 489092(M)

Illi huwa akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer, nhar it-22 ta' Gunju 2006 fil-Mosta f'xi hin bejn l-erbgha u d-disgha ta' filghaxija kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mario Camenzuli skond ma certifikah Dr. D. Spiteri M.D. ta' l-Isptar San Luqa.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (fol.15) u ta’ l-imputat (fol.9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Spettur Therese Sciberras (fol.12 et. seq.) xehedet illi l-kwerelant Mario Camenzuli kien ghamel rapport li kien aggredit mill-gharus tat-tifla tieghu li kien tah bil-ponn. Spettur Sciberras xehedet illi l-imputat kien ha l-karozza tieghu ghat-tiswija ghand il-kwerelant u dan ma rnexxielux jaghmel it-tiswijiet fiz-zmien miftiehem bejniethom.

L-imputat ghaldaqstant mar ghas-sodisfazzjoni, dahal fl-ufficju tal-kwerelant u l-imputat ghalaq il-bieb. L-argument illi sehh wara dan kien biss bil-kliem u l-imputat hareg ‘il barra u dahal fil-karozza tieghu. Kien hemmhekk illi l-kwerelant hareg jigri wara l-imputat u qallu biex ma jersaqx ‘l hemm aktar ghax jisparalu. L-imputat hareg mill-karozza u l-kwerelant beza’ u dahal jigri fil-*garage* tieghu waqt li l-imputat segwieh u tah daqqa ta’ ponn f’wiccu. Camenzuli waqa’ ma’ l-art.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta dana kollu izda qal li meta l-kwerelant dahal jigri fil-*garage*, qabad oggett iswed f’idejh u beda jxejru u kien hemmhekk illi hu tah d-daqqa ta’ ponn. Fl-istqarrija, Dok.TS3, kif ukoll fl-okkorrenza, Dok.TS5, l-imputat ddispjacieh ghal dak kollu li ghamel u skuza ruhu.

Gie ezebit ic-certifikat mediku tal-kwerelant, Dok.TS4, fejn il-griehi gew klassifikati bhala *grevious.*

Mario Camenzuli (a fol.22 et seq.) kkonferma x-xhieda ta’ l-Ispettur Therese Sciberras, xehed li l-imptat dahal irrabbjat u kecca lil ibnu (iben Mario Camenzuli) u lil siehbu ‘l barra ghax ried jkellmu wahdu. Mario Camenzuli kkonferma li dahal irrabjat. Il-kwerelant Camenzuli xehed

li ma kienx ser izomm flus ghat-tiswijiet tal-karozza ta' l-imputat ghaliex l-imputat kien ghenu f'xi xogholijiet fid-dar tieghu u kienet ser issir tpacija tax-xogholijiet. A fol.23, il-kwerelant xehed illi jaf li l-imputat dahal jghajjat fl-ufficju tieghu, li qabdu minn spallejh u li mbaghad hass rasu tinstabat mal-hajt, storda u ma jiftakarx izjed. Hu qal li ghalkemm irrizultalu illi kien saq lilu nnifsu sal-*clinic*, il-kwerelant ma kellux amment ta' dana kollu.

Il-kwerelant ikkonferma l-kwerela ezebita u ezebixxa erba' (4) ritratti Dok.MC1 sa Dok.MC4 (a fol.27) li juru lacerazzjonijiet taht l-ghajn li kienet tirrekjedi diversi punti u lacerazzjoni fejn il-halq li ukoll kienet tirrekjedi l-punti.

Clifton Camenzuli (a fol.28 et seq.) xehed li kien ma' siehbu Keith Andreas fil-*garage* ta' missieru meta dahal l-imputat irrabjat u keccihom 'il barra. Xi hin wara, l-imputat hareg 'il barra mill-*garage* izda ftit hin wara rega' dahal lura u beda jxejjer bil-ponn lejn missieru. Clifton xehed li ra lill-imputat jaghti daqqa ta' ponn wahda lil missieru.

Keith Buttigieg (a fol.32) ikkonferma x-xhieda ta' Clifton Camenzuli – kif l-imputat dahal b'rabja halli jkellem lil Mario Camenzuli, li mbuttah mal-hajt, kecca lit-tfal 'il barra, hareg mill-*garage* u dahal fil-karozza, u rega' lura ghal Camenzuli u xejjirlu daqqa ta' ponn.

Andreas Grasso (a fol.36 et seq.) ikkonferma x-xhieda ta' Clifton, li l-imputat hareg mill-*garage* u dahal fil-karozza, li l-kwerelant kien qed jitkellem mieghu, imbaghad ra lil kwerelant jigri lura lejn il-*garage* bl-imputat jigri warajh u rah "Jipprepara l-ponn." (fol.37). Meta ra hekk, Andreas, beza' u telaq jigri.

PS 698 Sean Tabone kkonferma l-okkorrenza Dok.PS

Fit-tieni xhieda tieghu, Mario Camenzuli hafer lill-imputat (fol.52) u xehed li seta' indirizza kliem bhal 'jekk jersaq 'l hemm nisparalek', u seta qabad xi haga f'idejh biex jiddefendi lilu nniffsu fil-*garage*.

Cliffton Camenzuli in kontro ezami (fol.55) zamm ferm ma' l-ewwel xhieda tieghu.

L-imputat (a fol.58) ikkonferma bis-shih l-istqarrija tieghu Dok.TS3

Xehed li wara l-argument fil-*garage*, kien telaq fil-karozza tieghu u li l-imputat segwieh u heddu li jekk jersaq 'l hemm jisparalu. Ikkonferma li kien hemm li rega' nizel fil-karozza tieghu u dahal fil-*garage* u li l-kwerelant qabad hadida jew injama u beda jxejjer biha u kien hemm illi l-imputat tah daqqa ta' ponn. L-imputat xehed illi meta ra lil kwerelant b'oggett f'idejh beza.

Qal ukoll illi f'dak iz-zmien kien ghaddej minn *depression* u kien qata' il-medikazzjoni. Illi sussegwentement, kien segwa il-pariri tat-tabib u li kien gie f'siktu.

Dr. Joseph Saliba, psikjatra (fol.67 et seq.) xehed illi kien beda jezamina lill-imputat fit-2004 minhabba *depression* u *self harm* u li l-imputat kien ghamel gimghatejn f'*Psychiatric Unit*. Illi kien baqa jarah sa April 2004 u mbaghad rega rah wara dan l-incident u cioe' f'Gunju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi fuq prodotti huwa evidentissimu illi l-imputat, illi kien qed ibati minn *depression* u nuqqas ta' *self control* fi zmien indikat fic-citazzjoni u li ghal semplici fatt illi t-tiswijiet tal-karozza tieghu ma kienux lesti skond il-ftehim tieghu mal-kwerelant dan dahal f'argument shih ma' l-istess kwerelant, issuppervja u hareg 'il barra. Johrog evidentissimu illi kien hawn illi l-kwerelant segwa lill-imputat, tah ordni biex ma jersaqx lejn il-familja tieghu (meta l-imputat kien gharus mat-tifla tieghu) u heddu illi jekk jersaq lejn il-familja tieghu jisparalu. Rinfaccat b'din it-theddida, l-imputat hareg jigri mill-karozza tieghu ghal wara l-kwerelant, lahqu fil-*garage* tieghu u capcaplu daqqa ta' ponn f'wiccu bil-konsegwenzi illi jidhru cari fuq ir-ritratti ezebiti Dok.MC1 sa Dok.MC4. Illi jirrizulta fl-atti illi l-kwerelant hafer lill-imputat.

Il-Qorti kellha l-opportunita' illi tara b'ghajnejjha c-cikatrici f'wicc il-kwerelant. Din m'hijiex wahda vizibbli mad-daqqa t'ghajn, izda tirrekjedi ezami pjuttost profond biex wiehed jinnotaha u dana il-ghaliex ic-cikatrici ssegwi l-*bone structure* ta' l-ghajn tal-kwerelant u tidher bhala wahda mir-rugi illi l-kwerelant ghandu f'wiccu.

Il-Qorti nnotat ukoll illi l-imputat, kemm fl-okkorrenza, kif ukoll fl-istqarrija tieghu u fil-Qorti, ghamel apologija u kien iddispjacieh ghal dak illi ghamel.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti, waqt illi ssib lill-imputat Ian Joseph Mifsud hati skond l-akkuza u wara illi rat l-Artikoli 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 u 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ta' tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. In oltre', tqieghed lill-imputat taht *Treatement Order* ghal perijodu ta' tmintax-il xahar taht il-kura tat-tabib Psikjatrika ta' l-istess imputat, Dr. Joseph Saliba.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali impekkabli ta' l-imputat, l-eta' tieghu u l-mahfra tal-kwerelant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------